# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Frar, 2001**

**Numru 57**

**Citaz. numru: 210/99 NA**

**Mary Hassanin nee' Spiteri**

**vs**

**Silvio Spiteri li b'digriet tas-17 ta' Frar, 1999 gie kkonfermat kuratur nominat biex jirrapprezenta lill-imsiefer Farouk Ibrahim Hassanin; u b'digriet tal-Qorti tat-22 ta' Gunju 2000 assuma l-atti l-konvenut Farouk Ibrahim Hassanin in sostituzzjoni ta' Silvio Spiteri, kuratur**

**Annullament - Artikolu 19 (1) (c) tal-Kapitolu 255.**

**Il-permanenza u l-esklussivita' fiz-zwieg huma elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif koncepiti fit-tradizzjonijiet ta' pajjizna. Eskluzzjoni *a priori* ta' dawn l-elementi qabel ma jkun gie celebrat iz-zwieg jistghu jwasslu ghan-nullita' tieghu a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fl-1 ta' Frar, 1999 fejn ippremettiet:

"Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu b'rit civili fl-10 ta' Settembru 1981 f'Malta (Dokument "A");

Illi l-konvenut il huwa gharbi u ta' twemmin religjuz Musulman, meta zzewweg lill-attrici, ma kellux l-intenzjoni li jintrabat maghha sal-mewt, u li ma jiehux lil mara ohra b'martu;

Illi l-konvenut abbanduna lill-attrici u zzewweg regolarment bir-rit musulman mara ohra fis-Sudan;

Illi meta sar iz-zewg bejn l-attrici w il-konvenut kien hemm nieqes element essenzjali ghall-validita' taz-zwieg;

TALBET li din il-Qorti, wara li tikkonstata li l-kunsens tal-konvenut ghaz-zwieg tieghu ma' l-attrici kien ivvizzjat, u li z-zwieg kien nieqes minn element essenzjali ghall-validita' tieghu, tiddikjara in-nullita' ta' l-istess zwieg ikkuntrattat fl-10 ta' Settembru 1981, f'Malta, bejn l-attrici w il-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnha esebit.

Wara li kien gie nominat Silvio Spiteri bhala kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenut assenti b'digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tas-17 ta' Frar 1999 (liema konvenut notifikat bic-citazzjoni attrici waqa' kontumaci), b'nota tal-20 ta' Gunju 2000 il-konvenut personalment iddikjara li kien qieghed Malta u talab li jassumi l-atti tal-kawza personalment bhala konvenut.  B'digriet tat-22 ta' Gunju 2000 din it-talba giet milqugha.  Fis-seduta tat-22 ta' Gunju xehdet l-attrici. Jirrizulta illi hija principalment izzewget lill-konvenut peress illi gia' kellha zewgt itfal minnu u ma rieditx li dawn ikunu ta' "unknown father".  Di piu' jirrizulta wkoll li hija kienet taf illi l-konvenut kien ta' religjon Musulmana u li ghalhekk seta' jerga' jizzewweg.

B'nota tas-16 ta' Novembru 2000 il-konvenut ammetta t-talba attrici kif korretta.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti kif presjeduta gia' kellha f'diversi okkazzjonijiet tirrimarka illi l-kontumaci tal-konvenut, li ma hijiex ammissjoni, pero' anke l-istess ammissjoni tieghu, ma kenitx bizzejjed f'kawza ta' din in-natura biex fiha nnifisha twassal ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.  Mill-banda l-ohra, fejn dak allegat mill-attrici ma jigix kontradett jew ikkontestat, il-Qorti trid ta' bilfors tiddeciedi l-kawza fuq il-provi mressqa u mhuwiex lecitu ghaliha li taghmilha tad-Difensur tal-Vinkolu f'kawza ta' annullament civili ta' zwieg.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi mressqa u mhux kontradetti jirrizulta illi l-konvenut eskluda zewg elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif mifhuma fit-tradizzjonijiet taghna u cioe' l-permanenza u l-esklussivita' ta' l-istess hajja mizzewga u ghalhekk hemm lok ghall-annullament ta' dan iz-zwieg taht is-sub-inciz (c) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.  Huwa probabbli wkoll li dan iz-zwieg huwa annullabbili taht is-sub-inciz (a) ta' l-istess Artikolu peress illi jidher illi principalment l-attrici zzewget biex it-tfal ma jibqghux b'"missier mhux maghruf".

Dawn ir-ragunijiet iwasslu lill-Qorti biex tilqa' t-talba attrici u filwaqt li tiddikjara li z-zwieg kien nieqes minn element essenzjali ghall-validita' tieghu, tiddikjara ghalhekk in-nullita' ta' l-istess zwieg ikkuntrattat fl-10 ta' Settembru 1981, f'Malta, bejn l-attrici w il-konvenut u dana bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.